MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Numru. 982/2003

Il-Pulizija
(Spettur Chris Galea Scannura)
vs
Pio Chircop

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Pio Chircop, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 356236 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-21 ta' Marzu, 2002 u / jew matul is-snin / xhur precedenti bhala proprjetarju u / jew amministratur tal-fond 5, Triq il-Fontanier Qormi, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-serbizz elettriku u cioe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom setgha iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata

ikkommetta serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghal LM306.73.6, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;
Barra minn dan, akkuzat ukoll talli matul l-istess perjodu ikkaguna hsara volontarja fl-istess meter;
Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi tapplika wkoll il-provvedimenti li hemm fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb illi ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana wara illi l-Qorti wissietu bil-konsegwenza ta' tali ammissjoni u taghtu zmien xieraq sabiex jerga jahsibha, ipposponiet il-kawza u meta l-kawza regghet issejjhet l-imputat, debitament assistit, baqa' itenni illi ried jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikoli 370, 390 (1), 392, u 392 (a) tal-Kodici Kriminali hija accettat din l-ammissjoni volontarja tal-imputat.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti issib lill-istess imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b), 261 (c), 261 (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 283, u 325 (1) (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu u b'hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni, kif ukoll illi mix-xhieda tal-impjegat tal-Korporazzjoni tal-EneMalta Ian Vella irrizulta illi l-imputat hallas lill-Korporazzjoni EneMalta l-ammont kollu dovut minnu lill-istess Korporazzjoni rapprezentanti kemm l-ammont ta' serq ta' dawl in kwistjoni, kif ukoll il-hsarat kagunati minnu u illi dan il-hlas ilu zmien twil illi sar.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, kif ukoll minhabba l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, il-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut, u ghalhekk, wara illi rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,+ filwaqt illi tilliberah taghmel dan bil-kundizzjoni illi l-imputat ma jikkommettix reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti tiddikjara li mhijiex ser tilqa t-talba sabiex tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u dan a skorta ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------